MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 70/2012

A B

vs

C B u b'digriet tal-4 ta' Mejju 2012 l-Avukat Dr Henry Antoncich u il-PL Victor Bugeja gew nominati bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw l-interessi tal-minuri S li twieldet fit-8 ta' Marzu, 1997, tal-minuri H li twieldet fil-25 ta' April, 2003, M B xebba Jones u d-Direttur tar-Registru Pubbliku

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi fl-24 ta' Jannar, 1974, l-esponenti zzewweg lill-konvenuta M B;

2. Illi fil-11 ta' Frar, 1974, twieldet il-konvenuta C B, liema tifla giet registrata bhala l-wild naturali tal-esponenti, hekk kif jirrizulta mic-certifikat ta' twelid anness u mmarkat bhala Dok. A;
3. Illi l-konvenuta C B kellha tlett itfal, li tnejn minnhom igibu l-kunjom B, ossija l-minuri S u H (Dok B u C);
4. Illi l-konvenuta C B m'hijiex il-bint naturali tal-esponenti, hekk kif jirrizulta mit-test tad-DNA anness u mmarkat bhala Dok D;
5. Illi l-esponenti ma jridx li jibqa' jigi ndikat bhala missier C B u ma jixtieqx li l-istess C B u wliedha jgibu l-kunjom "B";
6. Illi l-esponenti gie awtorizzat minn din il-Qorti biex jipprocedi bil-kawza odjerna (Dok E);

Talab li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-Ligi :

a. tiddikjara li l-konvenuta C B li twieldet fil-11 ta' Frar, 1974, m'hijiex il-wild naturali tal-esponenti;
b. tordna li konsegwentement il-konvenuta C B u l-minuri wliedha S u H m'ghandhomx jibqghu maghrufa bil-kunjom "B";
c. Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-konvenuta C B li twieldet fil-11 ta' Frar, 1974, tal-minuri S li twieldet fit-8 ta' Marzu, 1997 u tal-minuri H li twieldet fil-25 ta' April, 2003, fis-sens li jitnehhew il-konnotati kollha tal-esponenti u l-kunjom "B" minn fuq l-istess Atti tat-Twelid;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament trattasi minn kawża ta' *denegata paternità* r-rikorrenti jeħtieġlu jipprova u jissodisfa tal-inqas

waħda miċ-ċirkostanzi komminati fl-**Artikolu 70 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi salv il-premess, mill-bqija għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi proċesswali u kif ukoll għas-savju ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi subordinatament f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, din l-Onorabbli Qorti għandha tordna li jiġu mneħħija l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 1292/1974;

4. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li *in forza* taghha eccepew:

1. Illi l-esponenti f'dan l-istadju mhumiex edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghalhekk jirrizervaw li jipprezentaw ir-risposta ulterjuri taghhom meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-minuri minnhom rapprezentat;

Rat il-lista tax-xhieda tal-kuraturi deputati;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawza ta' denegata paternita li qieghed jaghmel l-attur kontra l-konvenuti sabiex il-Qorti tiddikjara illi l-konvenuta C B u tnejn mit-tlett uliedha illi iggibu il-kunjom B, ossija il-minuri S u H, ma jibqghux iggibu kunjomu peress illi skond l-attur il-konvenut C B mhijiex bintu naturali.

Illi l-Qorti rat ir-rapport tad-DNA maghmul minn Dr Mario Scerri u debitament ikkonfermat mill-istess Dr Mario Scerri bil-gurament tieghu, liema test tad-DNA jindika illi l-attur A B mhuwiex il-missier naturali tal-konvenuta C B.

Illi l-attur xehed illi kien johrog ma omm il-konvenuta C B u din kienet qaltlu li harget tqila u ghalhekk iddecieda li jizzewwigha. Dak iz-zmien kien taht l-impressjoni illi il-konvenuta C B kienet bintu naturali. L-attur xehed illi kien jisma certu kummenti minghand in-nies u kien hemm ragel li kien tah x'jifhem li martu M kellha relazzjonijiet intimi ma irgiel ohrajn waqt li kienu ghadhom gharrajjes u ghalhekk gie fid-dubbju illi C B ma kienitx bintu naturali. Kien anke issuspetta illi martu kienet qeghda taqlibhielu waqt iz-zwieg. L-attur kompla jixhed illi C B kienet telqet minn ma ommha u marret tghix mieghu meta hu u ommha isseparaw, kienet ukoll harget tqila u hu peress li dejjem baqa jissuspetta li C ma kienitx bintu naturali, talabha sabiex isir it-test tad-DNA, hi ma oggezzjonatx u irrizulta illi effettivament C B ma kienitx bintu naturali.

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi kemm il-konvenuta C B kif ukoll il-konvenuta M B baqghu kontumaci f'din il-kawza u il-Qorti rat ukoll illi t-test tad-DNA sar kemm minn Dr Mario Scerri, kif ukoll minn Dr Marisa Cassar.

Ikkunsidrat :

Illi ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku il-Qorti rat illi permezz tar-rizultat tat-testijiet tad-DNA l-attur irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti tal-Artikolu 70 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ukoll una volta il-konvenuta C B ma hijiex il-bint naturali tal-attur isegwi wkoll illi uliedha minuri S u H ma jistghux jibqghu registrati f'isem l-attur.

Ghalhekk il-Qorti tara illi l-attur irnexxielu jipprova il-kaz tieghu u konsegwentement il-Qorti qeghda taqta u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li l-konvenuta C B li twieldet fil-11 ta' Frar, 1974, m'hijiex il-wild naturali tal-attur, tilqa' t-tieni talba u tordna li konsegwentement il-konvenuta C B u l-minuri wliedha S u H m'ghandhomx jibqghu maghrufa bil-kunjom "B", tilqa' t-tielet talba u tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid tal-konvenuta C B li twieldet fil-11 ta' Frar, 1974, tal-minuri S li twieldet fit-8 ta' Marzu, 1997 u tal-minuri H li twieldet fil-25 ta' April, 2003, fis-sens li jitnehhew il-konnotati kollha tal-attur u l-kunjom "B" minn fuq l-istess Atti tat-Twelid. Il-Qorti tilqa' wkoll it-talba tal-konvenut direttur tar-Registru Pubbliku u tordna illi jigu imneħħija l-kelmiet '*the said*' li jinsabu qabel isem A B, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm mill-Att tat-Twelid numru 1292/1974. Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta M B xebba Jones.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------